ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 01 IT-TNEJN 04 TA' MEJJU 2015**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 04 ta' Mejju 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia (attenda fis-6.45pm), Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Ralph Puli infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta peress li kien se jkun imsiefer.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsillier Ralph Puli ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

Iċ-*Chairman* Jesmond Aquilina bħala l-aktar kunsillier anzjan skont l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**01/01 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**Iċ-Chairman Jesmond Aquilina** talab lill-**Kunsillier Rosianne Cutajar** jekk taċċettax il-ħatra ta' Sindku.

**Il-Kunsillier Rosianne Cutajar** qrat u iffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Iċ-Chairman Jesmond Aquilina** iddikjara **lil Rosianne Cutajar** Sindku ta' Ħal Qormi.

**Iċ-Chairman Jesmond Aquilina** ppreżenta u libbes l-Insinja ta' Sindku lis-Sinjorina Rosianne Cutajar.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha preżenti u kompliet tippresiedi l-laqgħa.

## 01/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** saqsiet lill-**Kunsillier Jesmond Aquilina** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Jesmond Aquilina** qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku, u s-Sindku ddikjaratu bħala Viċi Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

**01/02/1 F'danl-istadju, il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia attenda għas-seduta.**

## 01/03 DISKORS TAS-SINDKU

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** indirizzat l-ewwel diskors tagħha li jikkonsisti f'dan li ġej:-

*Sħabi kunsillieri, Sur Segretarju, Sinjuri insellmilkom.*

*Wara li għas-seba' darba l-poplu Qormi għamel l-għażla tiegħu u eleġġa Kunsill b'mod demokratiku, ninsabu hawn sabiex kull wieħed u waħda minnha hawn ilkoll flimkien madwar din il-mejda bħala grupp wieħed se nkunu qed naħdmu bl-għan ewlieni li nservu liċ-ċittadini tal-belt tagħna, Ħal Qormi.*

*Nixtieq nibda dan id-diskors billi bħala ċittadina ta' Ħal Qormi nuri r-ringrazzjament tiegħi lill-kunsill preċedenti, fejn ringrazjament mill-qalb imur għal dawk l-kunsilliera li llum m'għandhomx jiffurmaw parti minn dan il-kunsill, jigifieri Sean Meli, Jason Busuttil, Charles Farrugia u Margaret Mercieca.*

*Nixtieq ukoll nagħti merħba lill-Kunsilliera il-ġodda, Renald Falzon, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, u Marvin Zammit. Ninsab konvinta li peress se jerġa' jkollna Kunsill żagħżugħ, se nkunu qed nagħtu input żgħażugħ lil dan il-Kunsill b'enerġija u ideat ġodda. Dan jikkumplimenta l-esperjenza tal-kumplament tal-kunsilliera ser nkunu qegħdin naħdmu f'sinerġija sħiħa b'impenn u dedikazzjoni.*

*L-ewwel u qabel kollox f'dawn l-erba' snin li ġejjin ħa nkunu qed nassiguraw li r-residenti qriema jgħixu kwalita' ta' ħajja dejjem aħjar. Dan ifisser li nridu naħdmu sabiex inkunu aktar qrib il-poplu. Mingħajr dubju biex nissodisfaw ix-xewqiet tar-residenti jeħtieġu l-*

*finanzi. Fis-sena 2014, il-Kunsill irnexxielu ma jibqax taħt deficit u din l-isfida se tkompli fis-snin li ġejjin. Mingħajr dubju fost l-aktar mixtieqa mir-residenti huma bankini aħjar. Il-Kunsill se jkun qed ikompli l-pjan ta' manutenzjoni tal-bankini fil-lokalita' tagħna permezz ta' pjan mifrux fuq dawn l-erba' snin biex ikollna lokalita' sħiħa b'bankini ġodda.*

*Fejn ma jistax jasal il-Kunsill minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji u ta' riżorsi umani, se nkunu qed inżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-Gvern Ċentrali sabiex nottjenu għajnuniet lill-lokalita' u lill-komunita. Fil-fatt f'din il-leġislatura għandu jsir il-bridge fi Triq is-Sebħ, proġett mwiegħed mill-Gvern u li jinsab fi stadju tajjeb biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda' matul din is-sena. Se naraw ukoll jitkompla il-proġett ta' kontra l-għargħar fejn se jsiru numru ta' culverts oħrajn biex jagħti aktar serħan tal-moħħ lir-residenti qriema li joqgħodu f'żoni li jbatu minn għargħar.*

*Il-Kunsill se jkun qed ikompli jaħdem mal-Gvern sabiex finalment f'Ħal Qormi naraw Dar tal-Anzjani. Meta l-belt tagħna hija waħda mill-akbar f'pajjiżna u meta l-popolazzjoni tagħna hija pjuttost anzjana, il-bżonn ta' Dar tal-Anzjani fil-lokalita' sar importantissimu. Se nkunu qed nesploraw kull possibilta' li jkollna Dar tal-Anzjani fejn lesti nagħtu kull sapport lil investituri li jkunu lesti jidħlu għal proġett bħal dan filwaqt li nkunu qed naħdmu id f'id mal-Gvern Ċentrali sabiex din il-ħolma ssir realta'.*

*Se nkunu qed nagħtu importanza kbira lill-Ambjent, fil-fatt fit-tqassim tar-responsabiltajiet se nkun qed nafda ir-responsabblita' tal-Indafa Pubblika lill-Viċi-Sindku, għaliex nemmen fil-metikolizmu tiegħu sabiex ikollna lokalita' fost l-aktar nodfa f'Malta. Dan iżda jrid iseħħ bil-kollaborazzjoni tal-kunsilliera kollha iżda l-aktar tar-residenti. Hawnhekk nixtieq inżied li għall-ewwel darba qed nagħti kariga speċifika lill-kunsillier l-aktar żagħżugħa, lil Martina Brancaleone, sabiex taħdem ħalli inqajmu kuxjenza dwar l-iskart riċikabbli u nkunu qed nagħtu sehem sħiħ fis-settur tal-Ambjent.*

*F'dawn l-erba' snin inridu naħdmu mal-awtoritajiet sabiex il-problema akuta tat-traffiku tittaffa minn ġot-toroq tagħna. Inħoss li bil-għajnuna tal-pulizija u tal-gwardjani lokali irridu nassiguraw li s-sigurta' fil-lokalita' tagħna tissaħħaħ u dan sabiex it-tfal, il-familji u l-anzjani jħossuhom protetti fil-lokalita li fiha jgħixu.*

*Qasam importanti ħafna huwa l-edukazzjoni għaliex huwa qasam li huwa l-bażi li fuqu tinbena soċjeta' tajba u soċjeta' aħjar. Ħa nkomplu naħdmu mal-iskejjel fejn magħhom norganizzaw attivitajiet edukattivi li jagħtu opportunitajiet ġodda lit-tfal tagħna.*

*Dan il-Kunsill se jkollu missjoni speċjali, dik li niġġieldu l-illitteriżmu. Din se tkun ta' prijorita fil-pjan ta' ħidma ta' dawn l-erba' snin, u l-Kunsill se jkun qed jagħti kull sostenn fil-libreriji u fl-oqsma oħra relatati ma' dan is-settur sabiex negħlbu din il-ġlieda. Ġlieda oħra riċenti hija d-digital divide. Anke f'dan il-qasam se jkollna Kunsillier li jassumi din ir-responsabbilta' tal-Informatika sabiex flimkien mal-kunsillier tal-edukazzjoni jaħdmu kontra din il-problema li qed tikber ftit ftit f'dawn l-aħħar snin.*

*Il-Belt tagħna hija popolari għan-numru ta' attivitajiet li jsiru. Għalkemm huwa importanti li nkomplu ngħinu lill-għaqdiet sabiex jorganizzaw attivitajiet kulturali u soċjali, il-Kunsill irid jara kif joħloq bilanċ biex tali attivitajiet ma jkunux ta' inkonvenjent għar-residenti. Madankollu, ha nkomplu nassiguraw ll tirrenja l-għaqda fil-lokalita' tagħna u billi jigu attivitajiet kulturali b'kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet taż-żewġ parroċċi. Il-Kunsil Lokali ħa jkompli jgħin lill-għaqdiet li jaħdmu qatiegħ matul is-sena kollha biex jżommu ħajja il-kultura fil-lokalita tagħna. Nemmen li għanda nsaħħu attivitajiet li jsaħħu l-identita ta' Beltna u jattiraw aktar turisti lejn il-lokalita' tagħna.*

*F'dawn l-erba' snin li ġejjin, wara li anke stabilizzajna is-sitwazzjoni finanzjarja, inħoss li għandna naħdmu biex il-belt tagħna tkun ġemellata ma' lokalita oħra barranija ta' ċertu portata u b'similiratajiet ma' beltna u dan billi nibnu kuntatti internazzjonali ġodda biex iċ-ċittadini Qriema jingħataw esperjenzi f'pajjiżi barranin u b'dan il-mod nkomplu nsaħħu l-identita' tagħna mhux biss lokalment iżda anke f'pajjiżi oħrajn.*

*Inridu inkomplu naħdmu sabiex naħtfu l-opportunitajiet u nibbenifikaw minn fondi speċifiċi tal-UE u nitulizzawhom bl-aħjar mod għall-lokalita' u ċ-ċittadini tagħna. Se nkunu qed nippruvaw li niksbu fondi simili biex bħalma għamilna f'wied is-sewda, nagħmlu proġett simili f'wied il-kbir. L-istess f'dak li jirrigwardja l-wirt storiku. L-identita qormija tissaħħaħ b'aktar ħarsien lejn il-wirt storiku Qormi.*

*Qasam iehor ta' importanza huwa dak tal-persuni bi bżonnijiet speċjali li jixraqilhom b'attenzjoni partikolari. Irridu nassiguraw l-persuni b'diżabilita' ikollhom integrazzjoni sħiħa mal-kumplament taċ-ċittadini. Bl-istess mod, l-anzjani tagħna għandhom iħossuhom utli u parti mill-kumplament tas-soċjeta'.*

*Kunsill Lokali ġdid ħa jkompli jaħdem biex jiġbed lejh aktar żgħażagħ. Nemmen li l-kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ jista' jaħdem id f'id mal-Ambaxxatriċi taz-Żgħażagħ kif ukoll mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ biex ifasslu pjan ħalli naraw kif se nindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom.*

*Il-Kunsill taghna huwa magħruf kemm jaħdem fl-isports, fil-fatt ta' kull sena nirbħu premjiiet li jirrikonnoxxi dan l-isforz. Għaldaqstant Kunsill ġdid għandu jkompli jaħdem billi nżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-għaqdiet sportivi u nagħmlu enfażi fuq l-importanza tal-isports.*

*Dan huwa Kunsill li se jkun qed jaħdem f'kull qasam. Se nkun qed nafda responsabbilta' dwar il-ħarsien tal-annimali għaliex nemmen li dan huwa settur li bħala Kunsill wkoll nistghu nagħtu l-input tagħna biex ikollna soċjeta tassew inklussiva minn kull aspett.*

*Wasalt biex nagħlaq dan id-diskors tiegħi fil-bidu ta' din il-leġislatura li hija t-tieni waħda tiegħi bħala Sindku ta' Ħal Qormi. Bħalma għamilt tlett snin ilu, bħala Sindku ħa nwiegħed li bl-enerġija tiegħi, bl-għajnunat'Alla u l-qaddisin protetturi tagħna San Ġorġ u San Bastajn ħa nkun qed nmexxi dan il-Kunsill b'serjeta u impenn. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-familjari u lill-persuni qrib tagħna talli kienu u bla dubju ta' xejn ħa jibqgħu ikunu b'paċenzja kbira ta' sostenn matul dawn is-snin li ġejjin.*

## 01/04 MOZZJONI - ĦIN TAS-SEDUTA

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet qbil fil-Kunsill sabiex is-Seduta tibda ssir kull l-ewwel Tnejn tax-xahar u għal dan il-għan ressqet din il-mozzjoni.

"Nipproponi li x-xogħol tal-Kunsill (Seduti) għandu jsir kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fis-7.00 ta' filgħaxija."

**Il-Kunsilliera kolla preżenti** issekondaw din il-mozzjoni .

Il-Kunsill approva b’mod unanimu.

**01/05 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERA**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera u dan wara li kkonsultat ma’ kull wieħed u waħda minnhom.

| | | |
|---|---|---|
| **Infrastruttura u Proġetti** | Xogħlijiet ta' toroq<br><br>Manutenzjoni ġenerali<br>Bini ta' ġonna ġodda<br>Xogħlijiet ta' bankini<br>Proġetti ta' tisbiħ<br>Manutenzjoni ta' sinjali u marki tat-traffiku | **Sindku** |
| **Relazzjonijiet Internazzjonali** | Ġemellaġġ<br><br>Kuntatti internazzjonali | **Sindku** |
| **Relazzjonijiet Pubbliċi** | Il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill<br>Stqarrijiet għall-istampa<br>Organizzazzjoni ta' konferenzi stampa<br>Avviżi u reklami dwar attivitajiet<br>Reklamar fit-toroq | **Sindku** |
| **Premju INT** | Chairperson tal-Bord tal-Ghazla<br>Organizazzjoni tal-Premju | **Jesmond Aquilina** |
| **Ambjent** | Inizjattivi ambjentali għal ambjent sostenibbli<br>Edukazzjoni ambjentali<br>Problemi ta' tniġġis<br>Ħidma ma' għadiet Ambjentali | **Jesmond Aquilina** |
| **Indafa Pubblika** | Kuntratt tal-knis tat-toroq kemm urbani kif ukoll rurali<br>Ġbir ta' skart domestiku<br>Gbir ta' skart goff<br>Kuxjenza favur iż-żamma tal-indafa<br>Faċilitajiet għar-rimi tal-iskart (Litter bins)<br>Kampanji kontra l-ħmieġ tal-annimali fit-toroq<br>Attivitajiet edukattivi dwar l-indafa<br>Żamma tal-latrini pubbliċi | **Jesmond Aquilina** |

| | | |
|---|---|---|
| **Kultura<br>u Relazzjoni mal-Għaqdiet** | Kuntatt mill-qrib mal-għaqdiet<br>Kordinazzjoni mal-għaqdiet fil-festi u l-attivitajiet<br>Pubbliċita' ta' attivitajiet u inizjattivi mill-għaqdiet<br>Attivitajiet kulturali | **Jesmond Aquilina** |
| **Żoni Rurali, Widien u Periferiji** | Faċilitajiet fil-Kampanja<br><br>Titjib fid-dehra taż-żoni rurali u periferiji<br>Sotto-Kumitati tal-periferiji | **Bjorn Azzopardi** |
| **Edukazzjoni** | Kuntatt mal-iskejjel tal-lokal<br>Organizzazzjoni ta' korsijiet inkluż Life Long Learning | **Bjorn Azzopardi** |
| **Librerija** | Attrezzar tal-librerija bil-kotba u faċilitajiet elettroniċi<br>Kampanji u attivitajiet favur il-qari | **Bjorn Azzopardi** |
| **Rappreżentant fil-Kumitat Reġjonali** | Jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Kumitat Reġjonali Nofsinhar<br>Isegwi d-deċiżjoni tal-Kumitat Reġjonali u jinforma l-Kunsill<br>Liason ma' Kunsilli Lokali oħrajn fir-Reġjun | **Renald Falzon** |
| **Infurzar u Buon Ordni Lokali** | Infurzar Lokali<br><br>Kuntatt mal-Pulizija<br>Informazzjoni lill-pubbliku relatata mal-infurzar | **Renald Falzon** |
| **Traffiku u Trasport** | Immaniġġjar aħjar tat-traffiku<br>Kampanji edukattivi dwar regolamenti tat-traffiku<br>Titjib tat-trasport pubbliku<br>Faċilitajiet aħjar ta' parkeggi | **Renald Falzon** |
| **Ġonna** | Manutenzjoni u kura tal-ġonna u soft areas<br>Titjib fil-ġonna eżistenti<br>Kampanja 34U<br>Kuntratt tal-ġonna<br>Manutenzjoni u kura ta' planters u pots<br>Tisbieħ tat-toroq permezz ta' pjanti u fjuri<br>Ħarsien tas-siġar | **Josef Aquilina** |
| **Anzjani<br>u Persuni bi bżonnijiet speċjali** | Aċċessibilita' għal kulħadd kullimkien<br>Relazzjonijiet ma' Dar il-Kaptan<br><br>Faċilitajiet għall-anzjani<br>Day Care Centre | **Josef Aquilina** |

| | | |
|---|---|---|
| | Attivitajiet soċjali għall-anzjani<br>Informazzjoni għall-persuni b'diżabilita'<br>Taħriġ speċifikament għall-persuni b'diżabilita' (li ma jkunux l-istess korsijiet offruti taħt l-edukazzjoni)<br>Taħriġ u informazzjoni lill-familjari ta' persuni b'diżabilita' | |
| **Wirt Storiku** | Storja tal-lokal<br>Kura tas-siti storiċi<br>Informazzjoni dwar il-wirt lokali<br>Sovratendenza tal-Wirt Kulturali<br>Heritage walks/trails | **Josef Aquilina** |
| **Saħħa** | Taħriġ dwar is-saħħa<br>Health Walking Club<br>Sanita'<br>Faċilitajiet mediċi għjar għar-residenti<br>Informazzjoni dwar servizzi tas-saħħa li jeżistu | **Josef Aquilina** |
| **Fondi mill-Unjoni Ewropea** | Minħabba li għal kull settur b'xi mod jista' jkun hemm possibilitajiet ta' fondi, din ir-responsabbilta' tikkonsisti fil-facilitar u l-ġbir ta' informazzjoni dwar possibiltajiet ta' proġetti<br>Rappreżentant fil-GAL Xlokk | **Marvin Zammit** |
| **Sigurta'** | Informazzjoni dwar periklu li jeżistu fid-djar<br>Informazzjoni dwar servizzi disponibbli li jipproteġu liċ-ċittadin<br>Kordinazzjoni ta' protezzjoni ċivili fil-lokalita' possibilment bil-ħolqien ta' sezzjoni ta' protezzjoni ċivili<br>Informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' postijiet pubbliċi mill-att ta' saħħa u siġurta'<br>Assikurazzjoni ta' sigurta' fil-postijiet kollha pubbliċi | **Marvin Zammit** |
| **Ippjanar Lokali** | Skrutinju tal-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalita'<br>Laqgħat u attendenza l-MEPA f'każijiet ta' żvilupp kontroversjali<br>Ippjanar lokali (master plan eċċ) | **Marvin Zammit** |
| **Konsumatur / Kummerċ** | Informazzjoni għall-konsumatur<br>Inizjattivi u servizzi għall-konsumatur<br>Inizjattivi favur il-kummerċ lokali | **Marvin Zammit** |

| | | |
|---|---|---|
| | Kuntatt man-negozjanti<br>Informazzjoni dwar servizzi disponibbli għan-negozji | |
| **Sports** | Attivitajiet sportivi<br>Kampanji edukattivi favur l-eżerċizzju fiżiku<br>Faċilitajiet sportivi | **Antoine Saliba Haig** |
| **Żgħażagħ** | Għall-fini ta' proġetti tal-UE huma meqjusa żgħażagħ dawk ta' bejn it-13 u t-30 sena<br>Attivitajiet għaż-żgħażagħ<br>Kunsill Lokali taż-żgħażagħ<br>Inizjattivi ma' u għaż-żgħażagħ<br>Taħriġ speċifikament għaż-żgħażagħ | **Antoine Saliba Haig** |
| **Familja U Solidarjeta Soċjali** | Inizjattivi favur in-nisa<br><br>Proġett LEAP<br>Inizjattivi favur it-tfal<br>Taħriġ lin-nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol<br>Assistenza Soċjali | **Ralph Puli** |
| **Tismija ta' Toroq** | Bdil tal-plakek tal-ismijiet tat-toroq<br>Door numbering f'toroq li għadhom mhux numerati<br>Tismija ta' toroq ġodda | **Ralph Puli** |
| **Animal welfare** | Kuxjenza favur l-annimali<br><br>Attivitajiet li jiffukaw fuq l-annimali<br>Faċilitajiet għall-annimali | **Jerome Caruana Cilia** |
| **Ġbir ta' informazzjoni** | Ġbir ta' informazzjoni eżistenti mingħand l-NSO<br>Diskussjonijiet ma' uffiċjali ta' NSO dwar informazzjoni addizzjonali meħtieġa / pjan u preparazzjoni tal-istħarriġ<br>Tmexxija tal-istħarriġ u l-analiżi tal-informazzjoni | **Jerome Caruana Cilia** |
| **Teknoloġija u l-Informatika** | Faċilitajiet elettroniċi għar-residenti f'postijiet pubbliċi<br>Inizjattivi favur l-użu tat-teknoloġija<br>Kampanji biex tnaqqas id-digital divide<br>Iffaċilitar biex is-servizzi tal-Kunsill ikunu online<br>Kampanji biex ir-residenti jużaw is-servizzi online<br>Il-website ġenerali tal-Kunsill | **Robert Cremona** |

| | | |
|---|---|---|
| **Turiżmu** | Inizjattivi biex jiżdied it-turiżmu lokali<br>Faċilitajiet u informazzjoin għat-turisit | **Robert Cremona** |
| **Kampanja Edukattiva dwar Separazzjoni tal-Iskart** | Kuxjenza dwar il-problemi kkaġunati min-nuqqas ta' separazzjoni tal-iskart<br><br>Attivitajiet edukattivi dwar il-bżonn tas-separazzjoni tal-iskart<br>Kampanji ta' edukazzjoni dwar żamma tal-ħinijiet u ġranet tal-ħruġ tal-iskart<br>Faċilitajiet għar-rimi ta' skart (skips, Bring in Sites eċċ) | **Martina Brancaleone** |
| **Sigurta' fil-Playing Fields** | Osservanza li tgħammir fil-playing fields huwa skond l-istandards tal-health and safety<br>Taħriġ dwar l-istandards | **Martina Brancaleone** |

**KUMITAT FINANZI**

*Chairperson* : Rosianne Cutajar
Membri: Ralph Puli, Marvin Zammit, Segretarju Eżekuttiv, *Accountant* tal-Kunsill.

**01/06 AĠĠORNAMENT**

Il-Kunsill qabel unanimament biex qabel ma tigi aġġornata l-laqgħa isir il-ġurament ta’ ħatra tas-Sindku u tal-Viċi-Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef.

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 11 ta' Mejju 2015 fis-7:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:05 ta’ fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Rosianne Cutajar**<br>**Sindku** | **Kenneth Brincat**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2015.
**(Jum)** **(Data)** **(Xahar)**